MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 429/2007

Kawza fil-lista: 33

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-15 ta' Ottubru 2004 u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti li qed jigi anness u markat bhala Dokument A.

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m' ghadhiex aktar possibli minhabba li l-intimata abbandunat lil zewgha u telqet lura lejn ir-Russja u m' ghandha l-ebda intenzjoni li tirritorna fid-dar konjugali, u kif ukoll li rrendiet ruhha hatja lejn zewgha l-esponent ta' sevizji, eccessi, u ingurji gravi, u kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

4. Illi l-esponent talab u ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jipprocedi f' dina l-istanza kontra kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil martu f' din l-istanza, skond ma jirrizulta mid-Dokument B li qed jigi anness.

5. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba abbandun, sevizji, eccessi u ingurji gravi kommessi mill-intimata kontra zewgha r-rikorrent, u kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimata l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b' mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimata titqies li dekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti, u danakollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominand, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

4. Tordna lill-intimata tirrestitwixxi lill-esponenti il-beni konsistenti fi flus li haditlu meta harbet lejn ir-Russja.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew illi huma ma jafu xejn bil-fatti li wasslu ghall-kawza u hekk kif ir-rikorrent jghaddilhom kull taghrif li ghandu partikolarment l-indirizz ta' barra ta' C B – li ghaliha huma nhatru biex jidhru – huma jaghmlu hilithom kollha biex jigbru t-taghrif mehtieg halli l-kawza tkun kontestata kif imiss, u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu twegiba ohra aktar 'il quddiem.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta assenti ghar-raguniijiet imputabbli lilha kontemplati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-15 ta' Ottubru 2004, meta allura l-attur, cittadin malti, kellu circa 46 sena, u l-konvenuta, cittadina Russa, kellha 26 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur. Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

Illi l-attur jsostni, u ma giex kontraddett, li wara ftit li huwa kien iltaqa' mal-konvenuta dina riedet li tizzewweg peress li kienet ser tiskadilha l-visa u kienet ser titkecca minn Malta. Biex jigi evitat dan, l-attur accetta li jizzewwigha; u sussegwentement hi bdiet tghix fid-dar tieghu flimkien ma' binha minn zwieg precedenti.

L-attur jghid li hija ma kienet gabet xejn maghha, u dak kollu li hemm fid-dar matrimonjali huwa proprjeta' parafernali tieghu. Huwa kien jiehu hsieb l-affarijiet u l-ispejjez kollha, u kien anke jghatiha l-flus sabiex kull sajf tmur ir-Russja u tqatta' xahar hemmhekk mal-familja taghha; izda l-ahhar sajf li marret hija damet b' kollox tlett xhur ir-Russja.

Sussgwentement, "Habta u b' sabta hi telqet ghal kollox minn Malta fis-27 ta' Settembru 2007" minghajr ma' qalet xejn lill-attur, u kienet biss informatu b' dan permezz ta' sms meta kienet wasslet fl-ajruport ta' Moscow. Sussegwentement fil-5 ta' Novembru 2007 huwa rceva sms minghandha li jaqra "I want divorce, going to get married."

L-attur jghid ukoll li hi haditlu s-somma ta' circa 3,500 ewro u gibdet mill-visa card tieghu is-somma ta' 1,988 ewro, proprjeta' parafernali tieghu li huwa kien gemma' qabel iz-zwieg.

L-attur jghid li fil-hajja konjugali qasira bejniethom, huwa kien vittma ta' komportament abusiv da parti ta' martu ammontanti ghal sevizzi u ngurji gravi.

Illi dawn il-fatti allegati mill-attur bil-gurament ma gew kontradetti bl-ebda mod.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravvisa fil-komportament tal-konvenuta assenti fil-konfront ta' l-attur sevizzi, u anke ngurja gravi dovut ghall-fatt li jirrizulta li l-konvenuta kellha relazzjoni extra matrimonjali ad insaputa ta' l-attur li eventwalment wasslet ghar-rottura tar-relazzjoni matrimonjali ta' bejniethom.

Mill-banda l-ohra l-abbandun fit-termini ta' l-artikolu 41 ma jirrizultax provat stante li jrrizulta mankanti r-rekwizit taz-zmien essenzjali ghall-integrazzjoni ta' din il-kawza legali tas-separazzjoni personali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ghas-separazzjoni personali bejn il-partijet hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha in bazi ghall-artikolu 40 fuq citat imputabbli unikament lill-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabblli lill-konvenuta assenti;
[2] tilqa' t-tieni talba, u tapplika fl-intier tieghu d-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tal-konvenuta.
[3] tilqa' it-tielet talba limitatament billi tiddikjara xjolta l-komujoni ta' l-akkwisti b' effett mis-27 ta' Settembru 2007, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament stante li ma jirrizultax li hemm assi appartenenti l-komunjoni
[4] tilqa' ir-raba talba u tordna li l-konvenuta assenti tirritorna lill-attur l-ammonti fuq indikati, flus parafernali tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta assenti, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom provvisorjament jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------